**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Paul Camilleri**

Numru: 86/2010

Illum 30 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Camilleri,** ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Michael u Rose nee' Vella, imwieled Victoria, nhar il-21 ta' Novembru 1980, residenti fil-fond numru 32, Triq Kercem, Rabat u/jew Saliba Court, Santa Marija, Triq il-Firilla, Ghajnsielem, detentur tal-karta tal-identita' numru 28080(G), akkuzat talli nhar is-27 ta' Awwissu 2009, ghall-habta tas-sitta nieqes kwart ta' filghodu (05:45hrs), fi Triq Mgarr, Ghajnsielem, (Ghawdex);

1) saq vettura tal-marka Kia, tip Avella, bin-numru tar-registrazjoni NOV021 b'manjiera perikoluza u traskurata u naqas milli jhares ir-regolamenti tat-traffiku kkaguna l-mewt ta' Renzo Grima (I.D. 16879G);

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tissospendi l-licenza tas-sewqan tal-imputat ghall-perijodu ta' mhux inqass minn 6 xhur.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 148) datata 1 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha baghat lill-imputat Paul Camilleri biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Fl-Artikolu 225 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-14 ta' Frar 2013 (*a fol.* 320 u 321), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-1 ta' Dicembru 2010, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet il-provi;

Semghet sottomissjonijiet finali fejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu fuq il-parametri li l-Qorti ghandha timxi maghhom meta taghti s-sentenza. Il-Parte Civile sahqet li s-sentenza ghandha tirrifletti l-gravita' tal-kaz u l-eta' tal-vittma li kien zaghzugh ta' tletin (30) sena.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli indikati ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta' sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu

28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-massimu li tipprovdi l-ligi  u cioe' ghall-perijodu ta' erba' (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erba' (4) snin.

In oltre, il-Qorti qieghda timponi multa fuq il-hati ta' tlett elef ewro (€3000) li fuq talba tad-Difiza ghal zmien tal-hlas, il-Qorti qieghda tikkoncedi li l-hlas isir f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u tmenin ewro (€85) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut sal-31 ta' Lulju 2016 u jekk il-hati jaqbez xi wiehed mill-hlasijiet il-multa tkun ikkonvetita fi prigunerija.

Il-Qorti tordna wkoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena li ghandhom jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada (00:01a.m.).

Finalment il-Qorti, stante li sabet htija fl-imputat dakinhar tal-akkadut, qieghda tordna li l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fl-ammont ta' elf, hames mija, wiehed u erbghin ewro u hdax-il centezmu (€1541.11)[1] skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti tirrakkomanda illi l-imputat ma jitlifx ix-xoghol tieghu.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[1] Dr Ali Safraz (€23), Profs Marie Therese Camilleri (€23), Joseph Zammit (€23), Max Xuereb (€42.48), Inkjesta (€1079.63) u David Vassallo (€350)